MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 724/2010/1

**Simon Fiorini Lowell, John Fiorini Lowell u Johanna Fiorini Lowell**

**v.**

**Andrew sive Andy Botha**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1) Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 2010 li biha l-Ewwel Qorti ddecidiet a tenur tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12 billi

ddikjarat li l-konvenut ghandu jaghti lill-atturi s-somma ta' sittax-il elf, mitejn u erbgha u disghin Euro u disgha u sittin Euro centezmu (€16,294.69) u kkundannatu jhallas dan l-ammont bl-imghax mill-1 ta' Lulju 2010 u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru.1054/2010.

2) L-ewwel Qorti kienet iddecidiet is-sentenza billi qalet hekk:

"Having considered that at the said hearing of the 4th October 2010, defendant did not satisfy this Court that he did have a *prime facie* defence in law or in fact to the action on the merits, nor did defendant disclose such facts or issues at law that were deemed sufficient to entitle him to defend the action.

"Having considered all facts and circumstances.

"This Court considers as proven the facts as they result from the sworn application."

**<u>L-appell tal-konvenut</u>**

3) Illi l-konvenut hassu aggravat bis-sentenza suddetta u intavola dan l-appell fejn bazikament ressaq 'il quddiem zewg aggravji il-ghala l-Ewwel Qorti messha taghtu l-fakolta` li jikkontesta din il-kawza u cioe`:-

i. Illi fl-ewwel lok, billi l-ftehim lokatizju sar bejn Simon Fiorini Lowell u l-konvenut, iz-zewg atturi l-ohra m'ghandhom l-ebda interess guridiku biex setghu intavolaw il-kawza odjerna stante illi ebda ammont ma jista' jkun dovut lilhom da parti tieghu;

ii. Illi fit-tieni lok, il-konvenut jirrileva illi l-ammont mitlub mill-atturi mhuwiex wiehed "cert, likwidu u dovut" kif titlob il-ligi stante illi skont hu l-ammont ma jirrilfettix il-konsum reali li sar minnu fil-fond in kwistjoni.

**Ir-risposta tal-atturi**

4) Illi l-atturi, da parti taghhom, jissottomettu illi s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata stante li hija wahda gusta u korretta.

i. Fir-rigward tal-ewwel aggravju huma jirrispondu illi ghalkemm il-ftehim lokatizju sar minn Simon Fiorini Lowell, il-proprjetarji tal-fond in kwistjoni kienu l-atturi l-ohra u li l-kont mertu tal-kawza hareg fuq isem John Fiorini Lowell. Madankollu, jghidu li anke jekk wiehed kellu jacetta l-argument li Simon Fiorini Lowell biss kellu l-interess guridiku rikjest, dan ma jfissirx illi t-talbiet kellhom jigu michuda.

ii. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-atturi jsostnu illi billi ma ntalbitx revoka mid-digriet fejn gie michud lill-konvenut id-dritt li jikkontesta l-kawza, allura dak id-digriet jaghmel stat bejn il-partijiet. Pero`, minghajr pregudizzju ghal dan, huma jsostnu li l-lanjanzi fil-mertu *se mai* ghandhom jitqajjmu fi proceduri li l-konvenut jista' jaghmel kontra l-Korporazzjoni Enemalta u l-ARMS Ltd. u mhux kontra l-atturi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**
**Proceduri bil-giljottina**

5) Illi dan huwa appell minn proceduri intavolati ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta, liema proceduri huma ta' natura eccezzjonali inkwantu huma intizi sabiex, fil-kazijiet imsemmija fl-istess artikolu, il-principju normali li sentenza tinghata fuq il-provi mressqa mill-partijiet, tigi mwarrba billi l-Qorti tkun qed tigi mitluba tippronunzja s-sentenza taghha fuq dak li jigi sottomess lilha *prima facie*.

6) Din il-Qorti, hawn tosserva li d-diskrezzjoni moghtija – f'dan il-kaz wahda markata u potenzjalment determinanti hafna kif johrog mill-Artiklu 167 et seq. tal-Kap. 12 – lill-Ewwel Qorti hija tali li facilment tista' taghti lok ghal decizjoni li f'ghajnejn il-parti li kontra taghha jkun mar il-gudizzju thossha li giet ipprivata minn process gust.

B'danakollu din hi procedura li giet fis-sehh proprju biex kollox jitmexxa sommarjament u sahansitra bid-dispensa tas-smiegh tax-xhieda.

**<u>Pregudizzjal tal-appellati</u>**

7) Illi preliminarjament din il-Qorti sejra titratta l-punt sollevat mill-appellati li billi l-appellant ma talabx ukoll ir-revoka tad-digriet fejn gie michud lilu d-dritt li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu, allura tali digriet jaghmel stat ta' fatt bejn il-partijiet u allura ma jistax jitlob ir-revoka tas-sentenza fuq il-mertu.

8) Illi din il-Qorti tosserva illi minn qari tad-*decide* tas-sentenza tal-Ewwel Qorti jirrizulta illi dik il-Qorti trattat fl-istess sentenza kemm il-fatt fejn l-appellant ma giex moghti d-dritt li jikkontesta l-kawza u kif ukoll il-mertu tal-istess kawza fejn gie kkundannat ihallas l-ammont mitlub fir-rikors guramentat. Illi ghalhekk din il-Qorti ma ssib xejn irritu fil-fatt illi l-appellant fit-talba tieghu fir-rikors tal-appell talab biss ir-revoka tas-sentenza, billi l-istess sentenza kienet tinkludi fiha c-cahda tal-Ewwel Qorti milli hu jikkontesta l-kawza.

**<u>L-ewwel aggravju</u>**

9) Sorvolat dan il-punt il-Qorti sejra issa titratta <u>l-ewwel aggravju</u> rigwardanti n-nuqqas ta' interess guridiku ta' John u Johanna konjugi Fiorini Lowell biex jintavolaw din il-kawza flimkien ma' binhom, l-attur l-iehor.

10) Minn ezami tal-atti jirrizulta illi l-partijiet ghall-ftehim lokatizju kienu biss l-appellant u l-appellat Simon Fiorini Lowell. Ghalhekk ir-rabta guridika a bazi tal-istess ftehim hija biss bejn dawn l-ahhar imsemmija partijiet. Din il-Qorti hija tal-fehma pero` illi ghalkemm il-fond kien proprjeta` tal-genituri ta' Simon Fiorini Lowell, huwa biss dan tal-ahhar li seta' jipprocedi abbazi tal-istess skrittura. Filwaqt li huwa minnu li l-kont tad-dawl u ilma in dizamina jghajjat lil John Fiorini Lowell, personalment ma jistax jazzjona lill-appellant stante li m'hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali bejn it-tnejn abbazi tal-iskrittura li biha l-

appellant dahal fil-kirja tal-fond "Il-Hawt", Triq San Frangisk t'Assisi, Madliena. Dan qed jinghad iktar u iktar ghall-fatt li ma jirrizultax mill-provi illi l-istess Simon Fiorini Lowell kellu xi mandat specifiku biex jidhol fil-ftehim lokatizju ghan-nom tal-genituri tieghu. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju qieghed jigi milqugh.

**It-tieni aggravju**

11) Illi fir-rigward tat-tieni aggravju, f'kawzi ta' din ix-xorta, il-Qorti jehtigilha tinvesti l-meritu proprju tal-vertenza, ghalkemm dan b'mod *prima facie*.

12) Illi l-ilment principali tal-appellant huwa li l-kont tad-dawl u ilma ghall-perjodu bejn it-18 ta' Novembru 2009 u l-11 ta' Gunju 2010 huwa wiehed esagerat u li ghalhekk l-ammont mitlub ma jikkwalifikax bhala "dejn cert, likwidu u dovut" ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12. L-appellant esebixxa kont ta' konsum ghall-perjodu bejn l-24 ta' Gunju 2009 u s-17 ta' Novembru 2009 fejn l-ammont dovut kien ta' €219.39. Ghalkemm bejn dan il-kont, li mhux in kontestazzjoni, u l-kont in ezami hemm differenza kbira fil-konsum utilizzat, u ghalhekk fl-ammont ta' hlas reklamat, din il-Qorti ma tistax, fil-kawza li ghandha quddiemha, tidhol fil-mertu jekk l-istess kont huwiex wiehed zbaljat jew le. *Semmai* dik hija vertenza li ghandha tirrisolvi ruhha mal-Korporazzjoni koncernata, li pero mhix parti fil-kawza odjerna.

13) Din il-Qorti lanqas ma taqbel mas-sottomissjonijiet maghmula mill-appellant illi l-kont huwa daqshekk esagerat ghaliex il-konsum gie allokat kollu ghas-sena 2010. Illi minn ezami tar-rendikont esebit mill-appellati a fol. 9 tal-process jirrizulta illi l-istess rendikont jaghti stampa tal-ahhar xahar u nofs tas-sena 2009 b'ammont ta' 7682.058 Units ta' konsum ta' dawl, u stampa tal-ewwel hames xhur u nofs tas-sena tas-sena 2010 b'ammont ta' 28,383.942 Units ta' konsum ta' dawl. Dan ifisser li bejn wiehed u iehor il-konsum minn dan il-fond kien wiehed konstanti meta tiehu l-medja ta' konsum li kien jigi kkonsumat kull xahar.

14) Inoltre l-appellant ma jistax jilmenta mill-fatt illi l-kontijiet precedenti ghal dak odjern kienu inhargu fuq stimi u dan ghaliex fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-appellant kellu kull opportunita` sabiex fil-mument opportun jaghti l-qari attwali tal-istess meters lill-Korporazzjoni koncernata. Minn dan kollu jidher li l-appellant m'ghamel xejn, u kien biss wara li gie rinfaccjat b'dan il-kont li beda jaghmel l-indagini tieghu. Il-lanjanzi dwar il-kont kellhom isiru lill-Korporazzjoni Enemalta u mhux lill-attur li mieghu kien marbut b'rabta kuntrattwali. Tajjeb li jinghad ukoll li l-appellant ghamel anke pagament akkont tal-istess kont u dan ma jidhirx li sar taht xi forma ta' protesta.

15) Illi fir-rigward tal-konsum tal-ilma, l-appellant jghid illi wara li huwa kien telaq mill-fond in kwistjoni, kienu gew mibdula l-pajpijiet tal-ilma u li ghalhekk dan kollu huwa ndikattiv li kien hemm "leak". Din il-Qorti tirrileva pero`, illi apparti l-fatt li ma ngabet ebda prova lanqas *prima facie* dwar din l-allegazzjoni, huwa inverosimili li l-appellant fix-xhur kollha li ghamel jghix fl-istess fond ma ndunax b'dan il-"leak".

16) Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma' dak deciz mill-Ewwel Qorti illi l-appellant ma weriex li kellu xi difiza x'jaghti *prima facie* ghat-talbiet attrici.

17) Illi ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi michud.

**<u>Decide</u>**

18) Ghaldaqstant din il-Qorti qeghdha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tal-appellati John u Johanna Fiorini Lowell, tikkonfermaha ghall-bqija.

19) B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni l-appellant jista' jkollu skont il-ligi.

20) L-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------